# Il-Każin tal-Banda San Gabriel

## jistiednek biex tieħu sehem

## fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta'

# Marija Annunzjata

# *Patruna ta' Ħal Balzan*

**Mis-27 ta' Ġunju sal-10 ta' Lulju 2011**

### It-Tnejn 27 ta' Ġunju 2011

***8pm*** **- Il-Pittura tal-Knisja Parrokkjali** Preżentazzjoni viżiva dwar il-valur artistiku u teoloġiku tagħha. Jieħu ħsieb is-serata l-istoriku Balzani Carmel Bezzina. Mistieden speċjali: Il-Pittur Pawlu Camilleri Cauchi.

### It-Tlieta 28 ta' Ġunju 2011

***8.30pm*** **- BBQ Night** fil-ġnien tal-każin, Prezz **€15**-il kbar u tfal taħt it-13-il sena b'xejn. Għal din l-attività ser ikollna *lil* ***Midnight Cowboys***. Booking mill-Bar tal-każin jew ċemplu 7909 3057.

## L-Erbgħa 29 ta' Ġunju 2011

***8pm* - Tombla Night Party** fil-ġnien tal-każin. Prezz **€7**. Jitqassam ikel u xorb għal din l-okkażjoni. Booking mill-bar tal-każin jew ċemplu 9924 5466.

## Il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2011

***6.30pm* - Kunċert Ġenerali** fil-ġnien tal-każin bil-partecipazzjoni tal-Banda San Gabriel u l-Kor Amadeus Chamber.

## Il-Ġimgħa 1 ta' Lulju 2011

***8.30pm* - Festa Warm Up Blue Extreme** fil-ġnien tal-każin. Attività organizzata mis-Sotto Kumitat Żgħażagħ. Dħul b'xejn.

## Is-Sibt 2 ta' Lulju 2011

***8pm* - Buffet Pasta Night** fil-ġnien tal-każin. *Live Entertainment* minn **DJ John Muscat (Calypso Radio)**. Kulħadd huwa mistieden. Prezz **€13**-il kbar u tfal taħt it-13-il sena b'xejn. Booking mill-Bar tal-każin jew ċemplu 7909 3057.

## Il-Ħadd 3 ta' Lulju 2011

***8pm* - Riċeviment** għall-membri u l-benefatturi tas-Soċjetà.

## It-Tnejn 4 ta' Lulju 2011

***6.30pm* - Quddiesa** fil-Knisja Parrokkjali għall-membri tal-Għaqdiet Mużikali u l-Għaqdiet l-oħra tal-Parroċċa. Il-membri huma mħeġġa biex jattendu.

***7.15pm* - Ħruġ tal-vara artistika ta' Marija Annunzjata min-niċċa**. Il-Banda San Gabriel issellem bid-daqq tal-Ave Maria. Wara l-Banda San Gabriel tagħmel marċ tal-ftuħ tal-festi.

## It-Tlieta 5 ta' Lulju 2011

***8.00pm*** **- Wine and Beer Festival** fil-bitħa tal-Każin. Live Entertainment minn Carbonaro & Friends Live Band u jakkumpanjaw Joe Demicoli, Sharon Aquilina, Leontine u Thea Garrett.

## L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2011 – L-Ewwel Jum ta-Tridu

***8.15pm*** **- Kunċert Ġenerali** fil-ġnien tal-każin bil-partecipazzjoni tal-Banda San Gabriel u l-Kor Amadeus Chamber.

## Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2011 – It-Tieni Jum tat-Tridu

***8pm*** **- Marċ** mill-Banda San Gabriel.

***9.15pm*** **- Programm Mużikali** fuq il-plançier. Jieħu sehem il-Kor Amadeus Chamber li jkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Brian Cefai. Il-Banda San Gabriel tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella bl-għajnuna tal-Assistent Surmast Tony Carbonaro. Jieħdu sehem it-tenur Andrew Sapiano, is-soprano Marita Bezzina u l-kantanta Nadine Axisa. Kulħadd huwa mistieden. Ser ikun hemm siġġijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Imexxu l-Programm Marlene Abela u Joe Vella. Sorpriżi ma jonqsux! Is-silta mużikali *Indiana Jones* ser tkun akkumpanjata mil-logħob tan-nar.

## Il-Ġimgħa 8 ta' Lulju 2011 – L-Aħħar Jum tat-Tridu

***9pm*** **- Fil-pjazza ta' Ħal Balzan, Il-Banda San Gabriel u l-Banda Marija Annunzjata** fil-preżenza tal-WR Kappillan Dun Kalċidon Vassallo jdoqqu l-*Ave Maria*. Wara l-Banda San Gabriel takkumpanja l-istatwa tal-Arkanġlu San Gabriel fost il-briju tal-partitarji. Fi tmiem il-marċ, tlugħ tal-istatwa tal-Arkanġlu San Gabriel ħdejn il-każin. Kun preżenti!

## Is-Sibt 9 ta' Lulju 2011 – Lejlet il-Festa

***8.30pm*** **- Marċ mill-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara.**

## Il-Ħadd 10 ta' Lulju 2011 – Jum il-Festa – Jum is-Soċjetà

***6.30pm*** **-** Marċ mill-**Banda Ċittadina King's Own tal-Belt Valletta** sa fuq iz-zuntier tal-knisja.

***7.30pm*** **- Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni** bl-istatwa artistika u devota ta' Marija Annunzjata tindaqq l-*Ave Maria*. Jakkumpanja l-Banda King's Own it-tenur Andrew Sapiano.

***9pm*** **- Il-Banda Stella Maris ta' tas-Sliema** takkumpanja l-purċissjoni.

***9.45pm*** **-** X'ħin il-vara ta' Marija Annunzjata tasal ħdejn il-Knisja ta' Santa Marija fi Triq il-Kbira, il-kantant residenti f'Ħal Balzan **Renato flimkien ma' Helen Micallef** jkantaw l-*Ave Maria*.

***10.30pm*** **- Waqt dħul il-vara tal-Lunzjata,** il-Banda King's Own iddoqq l-*Ave Maria*. Jakkumpanja l-Banda t-tenur Balzani Elia Cassar.

***10.45pm*** **- Il-Banda Stella Maris** tagħmel marċ brijuż ta' tmiem il-Festa 2011.

## Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd - *Viva Marija Annunzjata*

---

- **Donazzjonijiet għaż-żewġ baned ta' Jum il-Festa -** ***Is-Sur Ray Debono u s-Sur Joe Attard se jkunu nkarigati mill-ġbir għall-baned ta' Jum il-Festa. Is-Sur Ray Debono nkarigat jiġbor il-marċ mill-Banda Stella Maris filwaqt li s-Sur Joe Attard se jkun nkarigat jiġbor għall-Banda King's Own.***

- **T-Shirts tal-Festa ġodda -** ***Bħal kull sena għall-okkażjoni tal-Festa tal-Lunzjata isiru flokkijiet tal-Festa li qed jinbiegħu għall-prezz ta' €5.***

- **Ktieb tal-Festa 2011 -** ***Bħas-snin l-imgħoddija ser jigi ppubblikat il-ktieb tal-Festa. Kun zgur li takkwista kopja. Donazzjoni tiġi apprezzata ħafna!***

- **Tifkiriet -** ***Jekk għadek ma ksibtx kopja tal-Ktieb ta' Storja li ġie ppubblikat is-sena l-oħra u CD ta' marċi brijużi mill-Banda San Gabriel li tniedu fl-okkajoni tad-90 sena, staqsi lil xi membru tal-Kumitat.***

**AKTAR INFORMAZZJONI: www.stgabrielbandclub.com**

Find us on Facebook